MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 259/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Calamatta**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alfred Calamatta talli:

(1) Fit-22 ta’ Marzu 2002 u fil-11 ta’ Gunju 2002 u fil-gimghat ta’ wara, wara li b’ordni tal-Qorti Kriminali tat-12 ta’ Marzu 2002 ai termini tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta’ Malta gie ordnat jipproduci jew jaghti access ghal materjal kif provdut fl-artikolu 4(1) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, minghajr raguni valida volontarjament naqas jew irrifjuta li jobdi dak l-ordni ta’ investigazzjoni, jew volontarjament impedixxa jew ostakola xi tfittxija ghal dak il-materjal;

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Gunju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Alfred Calamatta hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u minnhom illiberatu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fid-9 ta' Lulju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u ssib lill-imsemmi Alfred Calamatta hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tinfliggi fuqu l-piena jew pieni skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u rragjonevoli tal-ligi u tal-provi.

L-appellant isostni li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li *"l-prosekuzzjoni marret barra mill-konfini moghtija lilha tramite l-ordni tal-Qorti Kriminali fejn hemm imnizzel illi s-socjeta` gestita mill-imputat u socjetajiet ohra, kellhom 'juru u jaghtu access', u dan billi talbet ghall-informazzjoni permezz ta' ittra minflok li accediet hi stess biex tara x'dokumenti jista' jkollu l-imputat dwar l-indagat …."* Jghid li l-fatt li l-ligi tuza l-kliem **"turi jew taghti access ghal dak il-materjal lill-persuna jew persuni indikati fl-ordni; u l-persuna jew persuni hekk indikati jkollhom, bis-sahha ta' l-ordni ta' investigazzjoni, is-setgha li jidhlu f'kull dar, bini jew recint iehor sabiex jaghmlu tfittxija ghal dak il-materjal"**, juri li filwaqt li

ordni ta' investigazzjoni ghandu forza wkoll ta' mandat ghat-tfittxija, ma jfissirx li ghax il-Pulizija ma taghmilx tfittxija wiehed jista' jonqos milli jew juri jew jaghti access ghall-materjal li jigi deskritt fl-ordni. L-ordni fil-ligi u fil-fatt hu sabiex il-persuna notifikata **"turi jew taghti access"** u ghalhekk persuna li ma turix jew ma taghtix access lill-ufficjal tal-Pulizija ma tkunx qed tottempera mal-ordni.

Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li l-prosekuzzjoni talbet informazzjoni permezz ta' ittra. Difatti mill-atti ma jirrizulta li ntbaghtet l-ebda ittra mill-Pulizija. Dak li jirrizulta hu li l-appellat, bhal diversi entitajiet ohra, gie notifikat b'digriet tal-Qorti Kriminali tat-12 ta' Marzu 2002 li permezz tieghu gie ordnat juri u jaghti access lill-Ispettur Paul Vassallo (bhala ufficjal investigatur u mhux bhala prosekuzzjoni) ghal materjal li x'aktarx kien rilevanti ghal investigazzjoni dwar *money-laundering*. Issa, m'hemm l-ebda dubju li t-terminologija uzata mil-ligi – "turi u taghti access" (fit-test Ingliz *"produce or grant access"*) – tidher li tirrispekkja l-hsieb li l-informazzjoni tinghata lill-investigaturi indikati fl-ordni b'immedjatezza billi l-investigaturi jaccedu fil-fondi tal-persuni li jidhru li ghandhom materjal li x'aktarx ikun ta' siwi sostanzjali ghall-investigazzjoni sabiex jintwerew jew jinghataw access ghal dak il-materjal, fejn ezistenti (*"to produce"* ifisser *"to bring something out from somewhere and show it"*[1]). Wara kollox hawn si tratta ta' investigazzjonijiet delikati u sensittivi u li jehtiegu segretezza (l-artikolu 4(2) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta fil-fatt jipprovdi ghal piena ta' multa jew prigunerija jew it-tnejn flimkien ghal min jikxef li qed issir investigazzjoni). Ghalhekk huwa mistenni li l-persuni notifikati jottemperaw ruhhom ma' l-ordni minnufih. Mil-lat prattiku mhuwiex dejjem possibbli li l-materjal jintwera minnufih, specjalment meta si tratta ta' entitajiet b'numru kbir ta' ufficcji, *staff* u klijentela (ez. banek), u ghalhekk ikun jehtieg zmien adegwat (l-iqsar zmien ragjonevolment possibbli) biex issir ir-ricerka opportuna. Difatti la l-ligi u wisq anqas id-digriet fuq imsemmi ma jsemmu terminu

[1] Cambridge Online Dictionaries, http://dictionary.cambridge.org/define.asp?key=63172&dict=CALD.

entro liema l-persuni notifikati ghandhom “juru jew jaghtu access” ghall-materjal rilevanti. Ghalhekk il-materjal jintwera lill-investigaturi wara li ssir tali ricerka u l-investigaturi jigu nfurmati bl-ezistenza ta’ tali materjal.

L-appellant jghid illi l-appellat naqas milli juri lill-Ispettur Vassallo l-files li maghhom kellu konnessjoni l-indagat meta gie notifikat bid-digriet. Imkien ma hemm stipulat fl-ordni jew fil-ligi li wiehed irid juri xi materjal f’xi hin specifikat jew f’hin immedjat. Izda minn meta l-appellat gie notifikat f’Marzu 2002 sa meta saru t-tfittixjiet f’Gunju 2002, minflok ma l-appellat wera jew ta access lill-Pulizija ghall-materjal u informazzjoni dwar l-indagat (cioe` li dan kellu relazzjoni ma’ l-agenzija tieghu) l-appellat wiegeb fin-negattiv ghal dak li jirrigwarda l-indagat personalment.

Mhuwiex kontestat li fl-ufficcju ta’ l-appellat instab file f’isem mart l-indagat li qabel kien intestat f’isem l-indagat u li dan instab mill-Pulizija wara tfittxija fl-istess ufficcju. Din it-tfittxija saret wara tfittxija fir-residenza ta’ l-indagat fejn instabu xi dokumenti li kienu jirreferu ghal transazzjonijiet li kienu saru b’opera ta’ l-ufficcju ta’ l-appellat. Meta l-appellat kiteb lill-Ispettur Paul Vassallo wara li gie notifikat bid-digriet imsemmi tat-12 ta’ Marzu 2002, proprjament ma wigibx fin-negattiv ghal dak li jirrigwarda l-indagat personalment (kif jghid l-Avukat Generali) izda qal biss li kien hemm relazzjoni ma’ l-indagat bhala *authorised dealer* u ma semmiex transazzjonijiet li kienu saru f’isem l-indagat jew mill-indagat ghal terza persuna jew in konnessjoni ma’ investimenti f’isem mart l-indagat.

L-appellant jghid ukoll illi l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li l-access “kien wiehed liberu tant li nstab file b’isem l-indagat fuqu li kien maqtugh u sostitwit b’isem martu fuq struzzjonijiet ta’ l-istess indagat fil-passat, liema file kien *dormant*”. Skond l-appellant, fl-istqarrija tieghu l-appellat qal li l-file ma kienx *dormant*. Inoltre l-access l-anqas ma kien volontarju ghax il-Pulizija kellha tirrikorri ghal tfittxija biex tikxef u televa l-file u dan kien meta l-appellat kien imsiefer b’hekk li t-tfittxija saret fil-presenza tal-partner ta’ l-appellat.

Dwar jekk il-file kienx *dormant* jew le, fl-istqarrija tieghu l-appellat spjega li files li jkunu inattivi ghal sentejn jigu meqjusa bhala *dormant* u jittiehdu fl-arkivju. Il-file in kwistjoni kien ghadu mhux iddikjarat *dormant* izda spjega li ma kinux ghaddew sentejn mill-ahhar transazzjoni jew jekk kienu ghaddew, kienu ghadhom ma ghamlux ezercizzju biex iwarrbu d-*dormant files*, liema ezercizzju isir fl-ahhar ta' kull sena. Kif ser jinghad aktar 'il quddiem f'din is-sentenza, jirrizulta li l-investimenti li dwarhom kien jirreferi l-file msemmi kienu gew likwidati. Kwindi huwa ferm verosimili li dan il-file kien ghadu mhux iddikjarat *dormant* izda kien lest biex jitqieghed mad-*dormant files* peress li inattiv.

L-appellant jghid ukoll illi l-ewwel Qorti donna ssorprendiet ruhha li l-prosekuzzjoni ma ressqitx il-file in kwistjoni li nstab fit-tfittxija. Kif xehed l-Ispettur Vassallo u kif jidher mill-atti (a fol. 32) hemm inkjesta pendenti u hafna mill-materjal ghadu esebit f'dawk l-atti. Madanakollu l-appellat kemm fix-xiehda tieghu quddiem il-Magistrat Haymen kif ukoll fl-istqarrija tieghu ammetta li ghandu kien jezisti materjal relattiv ghall-indagat izda hu baqa' ma wriehx u l-anqas ta access ghal din l-informazzjoni lill-Pulizija.

Il-fatt li hemm inkjesta pendenti mhijiex raguni biex ma tigix esebita almenu kopja tal-file. Fil-fatt giet esebita kopja tax-xiehda li l-appellat ta f'diversi okkazjonijiet quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Il-kontenut tal-file certament kien jaghti stampa cara ta' meta saru t-transazzjonijiet li dwarhom l-appellant jilmenta li l-appellat ma tax informazzjoni, fattur li, ghall-finijiet tal-proceduri li ttiehdu kontra l-appellat, huwa ta' importanza massima.

L-appellant jilmenta mill-konkluzjoni tal-Qorti li *"l-imputat ghamel dak mitlub mill-Qorti Kriminali meta rrisponda li l-indagat ma kellu l-ebda investiment registrat maghhom"* u jghid li l-ordni huwa miktub b'terminologija u b'obbligazzjonijiet ferm ampji minn kif gie mifhum mill-ewwel Qorti. Skond l-appellant, dan l-ordni mhuwiex

limitat ghal kontijiet li kienu ghadhom attivi izda jolqot informazjoni dwar attivita` passata.

Li l-ordni huwa miktub b'terminologija wiesa' m'hemm l-ebda dubju. U l-appellant ghandu ragun jghid li jolqot ukoll attivita` passata – izda, kif jipprovdi d-digriet stess, dwar flejjes, proprjeta`, kontijiet, ecc. “li huma registrati” u mhux ukoll “li kienu registrati” f'isem il-persuna indagata jew f'isem jew ghan-nom ta' persuni ohra izda gestiti mill-persuni indagati jew li taghhom il-persuni indagati huma firmatarji. Id-digriet fil-fatt jordna lil numru ta' entitajiet sabiex

**“juru u jaghtu access ghall-proprjeta`, flejjes, kontijiet u/jew safety deposit boxes u ghall-materjal fuq deskritt lill-Ispettur tal-Pulizija Paul Vassallo, cioe` materjal konsistenti fi flejjes, fi proprjeta`, f'kontijiet, fi flejjes ohra depositati fl-istess kontijiet u/jew safety deposit boxes u f'materjal jew f'oggetti depositati fl-istess kontijiet u/jew safety deposit boxes li huma registrati fuq il-persuni fuq indikati jew f'isem jew ghan-nom ta' persuni ohra izda gestiti mill-persuni fuq indikati jew li taghhom il-persuni fuq indikati huma firmatarji, kif ukoll korrispondenza u dokumentazzjoni relattiva ghall-istess flejjes, kontijiet u proprjeta`, mobbli u/jew immobbli, u ghall-operazzjonijiet in konnessjoni ma' l-istess proprjeta`, kontijiet u/jew safety deposit boxes, inkluz kull dokumentazzjoni dwar l-identita` tal-persuni (legali u/jew naturali) li b'xi mod kellhom konnessjoni dwar il-gestjoni ta' l-istess flejjes, proprjeta`, kontijiet u/jew safety deposit boxes, jew li ddepozitaw jew ghamlu pagamenti fl-istess kontijiet, jew kellhom xi konnessjoni ma' l-operazzjonijiet li saru fuq il-flejjes, fuq il-proprjeta`, fuq il-kontijiet u/jew fuq is-safety deposit boxes imsemmija, inkluzi persuni (legali u/jew naturali) li setghu bbenefikaw minn hlasijiet jew minn transazzjonijiet u trasferimenti li setghu saru mill-istess flejjes, mill-kontijiet u/jew mis-safety deposit boxes jew minn l-istess proprjeta`, liema materjal x'aktarx ikun ta' siwi sostanzjali kemm wahdu kif ukoll flimkien ma' materjal iehor ghall-investigazzjoni u in**

**konnessjoni mal-persuni suspettati fuq imsemmija"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Huwa evidenti mill-partijiet sottolineati li d-digriet kien qiegħed jirreferi għal flejjes, proprjeta`, kontijiet u/jew safety deposit boxes ezistenti fid-data tad-digriet u għal attivita` passata (sahansitra mingħajr l-anqas referenza għal perijodu li dwaru kienet qed tintalab l-informazzjoni) konnessa ma' dawk il-flejjes, proprjeta`, kontijiet u/jew safety deposit boxes. Kwindi jekk fid-data tad-digriet ma kienx hemm flejjes, proprjeta`, kontijiet u/jew safety deposit boxes registrati f'isem l-indagat jew f'isem jew għan-nom ta' persuni oħra izda gestiti mill-indagat jew li tagħhom l-indagat kien firmatarju, l-appellat ma jistax jitqies li ma obdiex l-ordni tal-Qorti.

Naturalment l-aħjar prova dwar il-movimenti tal-file u dwar it-transazzjonijiet li saru kien ikun l-istess file. Pero`, kif ingħad, dan ma giex esebit u l-anqas kopja tiegħu. Mill-provi prodotti izda jirrizulta li fid-data tad-digriet imsemmi ma kien hemm xejn registrat f'isem l-indagat li kien mizmum jew amministrat mill-appellat. Difatti jirrizulta li xi zmien qabel l-indagat kien talab lill-appellat biex xi investimenti li kien hemm f'isem l-indagat u martu jiddawwru f'isem martu. Fil-fatt il-file relattiv li kien intestat lill-indagat kellu isem l-indagat maqtugħ u minflok tnizzel isem martu. Fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija pero` l-appellat qal li l-portfolio ta' mart l-indagat kien gie likwidat. Jirrizulta wkoll mill-provi li f'xi zmien l-indagat kien talab lill-appellat jagħmel xi transazzjoni għal certa Barbel Burg. Mix-xiehda ta' l-appellat jirrizulta li anke dan l-investiment kien gie likwidat. Id-dikjarazzjonijiet ta' l-appellat ma gewx kontradetti u għalhekk fid-data tad-digriet ma kienx hemm flejjes, proprjeta`, kontijiet u/jew safety deposit boxes registrati f'isem l-indagat jew f'isem jew għan-nom ta' persuni oħra izda gestiti mill-indagat jew li tagħhom l-indagat kien firmatarju. Huwa immaterjali li l-metikolozita` u l-iskrupolozita` kienet forsi tiddetta li l-appellat jagħti wkoll din l-informazzjoni għax bin-nuqqas tiegħu l-appellat gie li segwa d-digriet imsemmi *ad litteram* u mhux li kiser il-ligi. Kif del resto ma jirrizultax li l-appellat b'xi mod impedixxa jew ostakola xi tfittxija. Difatti meta saret it-

tfittxija huwa kien imsiefer u nghatat kooperazzjoni shiha mill-ufficcju tieghu lill-Pulizija.

Fid-dawl ta’ dawn il-konkluzjonijiet, l-anqas ma jista’ jitqies li l-appellat huwa hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------